TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 158/22/F

**Mary Anne Bonavia**

**vs**

**Airmalta plc**

Illum, 8 ta' Jannar, 2024

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar l-20 ta' Ottubru 2022;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata nhar l-24 ta' Novembru 2022;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti;

Sema' s-sottomissjonijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi r-rikorrenti qed titlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' **elfejn u mija u ħamsa u sebgħin Euro (€1,069.88)** rappreżentanti danni inkorsi kif ukoll is-somma ta' **ħames mitt Euro (€500)** rappreżentanti kumpens (danni morali) u dan minħabba li skont kif tispjega, l-azjenda intimata ma onoratx prenotazzjoni li hija kellha għal titjira minn Munich għal Malta fl-20 ta' Mejju 2022. Ir-rikorrenti tgħid li kienet ġiet rifjutata maċ-*check-in desk* tal-ajruport ta' Munich fejn kienet ġiet allegatament informata li t-titjira kient "*overbooked*" u għalhekk iċ-*check-in* ingħalaq erbgħin minuta qabel minn naħa tal-azjenda intimata.

Illi tramite r-Risposta li hija ppreżentat, l-azjenda intimata issostni illi ċ-*check in desk* f'dan il-każ għalaq 45 qabel il-ħin skedat tat-titjira bħal ma jiġri dejjem u skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kumanija u li skont is-sistema tar-*reservations*, ir-

rikorrenti kienet timmarka bħala "*no show*" jiġifieri ma ppreżentatx ruħha maċ-*check-in desk* fil-ħin. Spjegat ukoll li l-ajruplan tat-tip Airbus A320N li ntuża għal dak il-vjaġġ kellu kapaċità ta' 180 passiġġier u fil-fatt telaq b'175 passiġġier dakinhar.

Illi fix-xhieda tagħha, ir-rikorrenti stqarret li hija kienet preżenti maċ-*check-in desk* ċirka 17:00 "madwar siegħa qabel ma kellha titlaq it-titjira" u ġiet infirmata miċ-*check-in desk attendant*, li kienet tidher liebsa uniformi tal-Lufthansa, li "*Airmalta closed the check-in 40 minutes prior*". Mid-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenti stess, it-Tribunal jinnota li l-ħin skedat tit-titjira kien 18:55hrs u għalhekk, jekk verament ir-rikorrenti kienet preżenti maċ-*check-in desk* fil-17:00, dan kien xejn anqas minn 1hr 55mins qabel il-ħin skedat u allura, ankè jekk kif hi tgħid li ċ-*check-in* ingħalaq 40 minuta qabel, hija xortawaħda kienet tkun hemm preżenti!

Illi Johann Calleja, Customer Experience Manager mal-azjenda intimata ippreżentat il-*journey log* għat-titjira in kwistjoni KM 308 redatt mill-Kaptan. Spjega li minn informazzjoni li għandha l-kumpanija, ir-rikorrenti ma 'ttelgħetx fuq it-titjira minħabba li ppreżentat ruħha maċ-*check-in desk* wara li t-titjira kienet ġiet magħluqa u ċioè wara 45 minuta mill-ħin skedat tat-titjira.

Illi t-Tribunal josserva li l-*journey log* huwa l-aqwa prova tal-kronaka kollha tat-titjira u li dan id-dokument jikkonferma definittivament li n-numru ta' passiġġieri fuq l-ajruplan kien ta' 175 meta l-kapaċità massima tal-ajruplan hija ta' 180. Għalhekk, m'huwiex probabbli li kien hemm sitwazzjoni ta' *overbooking* kif tgħid ir-rikorrenti.

Illi l-verżjonijiet rispettivi tal-Partijiet f'din il-vertenza huwa dijametrikament opposti għal xulxin. Il-Qrati tagħna jgħallmu li "il-konflitti ta' provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant" (***Farrugia vs Farrugia***, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 24 ta' Novembru 1966, Vol XXXVI, P.I, p.319).

Illi wara li qies sewwa ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, it-Tribunal iqis li fuq bażi ta' probabbilitajiet, il-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-azjenda intimata hija aktar kredibbli minn dik mogħtija mill-rikorrenti u għalhekk, ser jgħaddi biex jiċħad it-Talba tar-rikorrenti għax mhux sufficjentament ipprovata.

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jiċħadha.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu kollha mir-rikorrenti.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***